MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2012

Numru 793/2007

Il-Pulizija
(Spettur Ian Joseph Abdilla)

vs

Paul Mallia

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 453181M akkuzat talli :

- fil- 24 ta’ Settembru 2007 u fil-granet u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

- ircieva minghand xi hadd iehor jew kiseb minghand xi hadd iehor xi weghda li jinghataw, lilu jew lil ohrajn, b’korrispettiv ghal xi self, mghaxijiet jew xi qligh iehor taht liema ghamla jkun b’eccess minn dak li jkun permess bil-ligi (dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, u 298C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

- fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil haddiehor biza li se jintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta’ tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjeta’ ta xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta (dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18 u 251B tal-Kap9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Il-Qorti mitluba sabiex fil-kas ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti ukoll mitluba sabiex f’kas ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda:

Rat l-atti u d-dokumenti.
Ikkunsidrat:

l-imputazzjonijiet jittrattaw l-uzura u l-ikkagunar ta’ biza fuq haddiehor imwettqa mill-imputat.

Mill-provi ma rrisultat ebda wahda mill-imputazzjonijiet riferiti. Propjament sabiex inkun hemm l-konvicju l-provi iridu jkunu cari u univoci. Fil-kawza in disamine l-provi huma kollox hlief hekk.

Ghaldaqstant tiddecidi li tillibera lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------